MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1000/2002/1

**Mark Micallef li jezercita l-kummerc f'isem Proinvest**

**vs**

**George Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-17 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u disgha u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm999.35) bilanc ta' ammont dovut in konnessjoni ma' xoghol esegwit mill-attur ghall-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Awissu, 2002, fejn intqal:**

**i. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-**

**attur qatt m'inghata inkarigu mill-konvenut sabiex jaghmel xi xogholijiet;**
**ii. Illi fil-fatt ma kien hemm ftehim la dwar ix-xoghol u lanqas dwar il-prezz;**
**iii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk sar xi xoghol, dan gie pprezzat arbitrarjament mill-attur ;**
**iv. Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Micallef, George Zammit u Lydia Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jaghmel din il-kawza ghall-xogholijiet li allegatament gie mqabbad jaghmel f'appartemant tal-konvenut f'Portomaso. Jirrizulta bic-cert li ma kienx hemm ftehim bil-miktub. Il-konvenut qed jghid li lanqas biss ma kien hemm ftehim.**
**2. L-attur xehed li hu kien gie mqabbad mill-konvenut u minn martu sabiex jehdilhom hsieb ix-xoghol ta' appartament numru 81 fi Blokk 13 f'Portomaso. Skond l-attur kienet saret laqgha fl-ufficju tieghu fejn iddiskutew id-dettalji, saret stima, u kien hemm qbil li jahdmilhom bir-rata ta' 6% bhal ma kien hadem ghas-socjeta` Business Towers Limited li fiha kellu interessi l-konvenut. Pero` fir-rigward it-Tribunal jinnota li mill-kontro-ezami jirrizulta li anke dwar ir-rati ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub. L-attur jghid li saru 37 laqgha, sebgha minnhom fl-ufficcju tieghu, tlieta Hal Mann, hamsa id-dar tal-konvenuti, u tnejn u ghoxrin fuq il-fond in kwistjoni. Apparti l-laqghat l-attur jghid li ghamel 58 disinn.**
**3. Skond l-attur fi stadju minnhom, il-konvenut qallu biex ma jkomplix, u biex jaghtih invoice. L-attur baghat l-invoice, Dok.MM, pero` il-konvenut ma hallasx.**
**4. Ghalkemm seta' kien hemm xi ftehim dwar xogholijiet u rati ta' xoghol mas-socjetajiet Business Towers Limited u Globe Financial Investments Limited, definitivament dan ix-xoghol ma jirrizultax li**

**kien qed isir la ghall-wahda u lanqas ghall-ohra. Jidher piuttost li jekk sar xi xoghol dan kien qed isir fil-konfront tal-konvenut personalment.**

**5. Jirrizulta li l-attur kien ingrata xoghol mill-imsemmija kumpaniji fis-somma ta' circa tmenin elf lira Maltija (Lm80,000.00) kull sular, ghall xi sulari f'Portomaso.**

**6. Skond l-attur, meta wasal fi stadju finali tax-xoghol li kien imqabbad jaghmel mis-socjetajiet imsemmija, kien gie avvicinat mill-konvenut dwar ix-xoghol personali fl-appartament tieghu f'Portomaso.**

**7. Skond ma xehed il-konvenut, sar diskors ma' mart il-konvenut, waqt riceviment, u wara kellmu l-konvenut, u l-attur offra s-servizzi tieghu, cioe servizzi dwar "interior design" u "engineering services". L-attur hekk jghid li s-sistema ta' l-arja kundizzjonata, is-sistema ta' vultagg baxx, u s-sistema ta' elettriku. Gew installati skond id-disinn li ghamel hu u skond kif tkellem mal-klijent.**

**8. Il-konvenut da parti tieghu jghid li meta informa lill-attur li kellu l-post tieghu, dan offra li jghin. Il-konvenut fehem li dan kien lest li jaghmel ix-xoghol minghajr hlas.**

**9. Il-konvenut ma jaqbilx ma dak li xehed l-attur dwar ix-xoghol li sar. Fosthom il-konvenut jghid li site visits mieghu saru xi xewg visti jew tlieta, u l-istess sar ma' mart il-konvenut. Il-konvenut innota li martu kienet ilmentat peress illi l-attur kull darba kien qed jigi bi skizz differenti, u waqqfu peress li martu dehrilha li mhux ser jaslu. Il-konvenut xehed hekk: « ……..ghidtlu biex jieqaf u jibghat kont jekk ghandi naghtih xi flus. ». Inoltre in kontro-ezami l-istess konvenut qal : »…..Jiena kont ghidtlu li hemmhekk ser tkompli l-mara tieghi u jekk jiena obbligat xi haga jibghatli l-kont. » Il-konvenut jispjega dwar dan li hu qatt ma intenda ghal dak li kien qed jigi mitlub f'din il-kawza.**

**10. Mart il-konvenut xehedet hekk : « Jiena kont iltqajt mieghu flimkien ma' zewgi fuq il-post u kien qallu biex jaghmel xi xoghol, cioe` biex jghinu ftit. » Tikkonferma li l-attur staqsiha x'riedet u hi qaltlu. Tikkonferma li l-attur gabilha diversi pjanti.**

**11. Il-konvenuta ilmentat dwar kif sar ix-xoghol, fosthom indikat l-air condition unit kien gie baxx, u li kien hemm zewg bibien li mhux allinjati, cioe` mhux faccata ta' xulxin. Ilmentat ukoll dwar li riedet il-bibien wesghin mentri dawn gew dojoq. Skond il-konvenuta l-attur ghamel ukoll pjanti dwar kif ghandu jehel il-madum. Dwar il-pjanti li saru il-konvenuta xehedet hekk : « Qatt ma ghidtlu biex ma jkomplix jaghmel pjanti ohra, ghax dejjem kont nispera li ser niehu rizultat tajjeb. »**

**12. Ma hemmx dubbju li kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex l-attur jghin fix-xogholijiet, anke jekk dan il-ftehim ma kienx bil-miktub, izda bil-fomm. Tant kien hemm ftehim li huma l-konvenuti marru fuq il-post mal-attur, ghamlilhom pjanti, liema pjanti rawhom u hu bidel fihom skond ma riedu huma. Sahansitra meta tterminawlu, il-konvenut staqsieh jara x'ghandu jiehu.**

**13. Huwa minnu li ma jirrizultax li kien hemm ftehim dwar il-prezz li kellu jithallas l-attur ghax-xogholijiet imsemmija. Ix-xoghol li sar jirrizulta kemm mix-xhieda stess tal-konvenuti kif ukoll mid-dokument MM1. Ma setghax il-konvenut jippretendi li l-attur jaghmillu x-xoghol minghajr hlas. Lanqas ma jirrizulta li l-attur qatt intenda li jaghmilhom minghajr hlas. Kienet mankanza da parti tal-konvenut li ma tkellimx bic-car mal-attur dwar il-pagament.**

**14. Fic-cirkostanzi, pero` it-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba ma kienx hemm ftehim bil-miktub, l-attur lanqas ma jista` issa jippretendi l-istess hlas bhal meta hadem ghall-kumpaniji li fihom kellu interess il-konvenut.**

**15. Ghalhekk it-Tribunal, in mankanza ta' ftehim dwar ir-rata li kellha tithallas, qed jiffissa l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00).**

**Fi-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------